MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2010

Numru. 14/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Edward Buttigieg, ta' 56 sena iben Angelus u Pawla nee' Cassar, imwieled Ghajnsielem nhar it-3 ta' April 1951 u residenti Edmar, Triq il-Gnien, Ghajnsielem u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 29151(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Edward Buttigieg li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-31 ta' Lulju 2004 gewwa Triq il-Port, Marsalforn, limiti taz-Zebbug ghal habta ta' nofsinhar:

a. seraq Lm300.00 ghad-detriment ta' George Schembri, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-25 ta' Novembru 2009.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat joriginaw minn kawza li kienet giet intavolata fil-konfront tal-parti leza George Schembri, f'liema kawza, l-istess Schembri kien gie akkuzat, fuq kwerela maghmula mill-imputat fil-kawza odjerna, bir-reat tal-kalunnja u tal-falza denunzja mill-liema akkuzi huwa gie mehlus.

Illi dana il-kaz sehh madwar sitt snin ilu u cioe' fis-sajf tas-sena 2004. Il-parti leza Schembri jiggestixxi restaurant gewwa Marsalforn. Fil-gurnata in kwistjoni, l-imputat mar sabiex jikkonsenja xi kaxxi tal-birra fir-restaurant ta' Schembri. Hekk kif Schembri kien ser ihallas lill-imputat ghal dina l-merkanzija, huwa hareg mir-restaurant u dana peress illi gie msejjah minn xi klijenti u halla il-vazzett fejn solitu izomm il-flus miftuh fuq il-bank tal-hanut. Hekk kif jidhol lura fil-hanut jara lil Edward Buttigieg b'mazz liri f'idejh u l-ammont ta' Lm300 neqsin mill-vazzett. Ghalhekk jikkonkludi illi kien l-imputat li hadlu l-flus. L-imputat minn naha tieghu dejjem cahad illi kien hu li ha dawn il-flus minghand Schembri. Huwa isostni illi fil-ftit hin li dam fil-hanut huwa qaghad jitkellem ma'omm Schembri, li llum hija mejta. Ighid illi huwa hareg mazz flus mill-but sabiex idahhal il-flus li kien ser ighaddilu Schembri bhala hlas ghall-birra li kien ikkonsenjalu. Isostni illi l-flus li kellu

fil-but kienu jammontaw ghal madwar Lm296 u kienu l-flus li huwa dahhal f'dik il-ghodwa mill-konsenji l-ohra li kien ghamel. Fil-fatt meta mitkellem mill-Ispettur, illum Supretendent Antonello Grech, ighid illi huwa kien indikalu min kienu dawn il-klijenti li kienu hallsuh dakinhar u anke wera xi karti lis-Supretendent. Illi dana huwa kkonfermat fix-xhieda tas-Supretendent Grech li jghid illi fil-kors tal-investigazzjonijiet tieghu huwa kien anke kellem lil dawn in-nies indikati lilu minn Buttigieg u kien ivverifika illi l-flus li kien dahhal l-imputat f'dik il-ghodwa, kienu bejn wiehed u iehor l-ammont ta' flus li dakinhar kellu fil-but. Madanakollu l-istess Supretendent jonqos milli jzomm lista ta' dawn in-nies sabiex jingiebu bhala xhieda quddiem il-Qorti u lanqas ma jingiebu l-provi dokumentali konsistenti fir-ricevuti illi l-imputat isostni illi ghadda lill-pulizija. Illi sussegwentement l-imputat permezz tal-avukat tieghu jressaq kwerela lill-pulizija sabiex jittiehdu passi kriminali fil-konfornt ta' Schemrbi fuq rapport falz. Jittiehdu dawn il-proceduri u Schembri gustament jigi illiberat. Dana qed jinghad peresss illi kif jinghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta' Gunju 2006, Schembri kien qed jezercita dritt moghti lilu mil-ligi meta jirraporta illi huwa kellu suspett illi Buttigieg kien serqu.[1] Illi fil-fatt qabel ma mexxew kontra Schembri fuq akkuzi ta' rapport falz u kalunnja, il-pulizija ezekuttiva messha l-ewwel ipprocediet kontra l-imputat sabiex jigi deciz minn qorti tal-gustizzja jekk l-akkuza mressqa minn Schembri fil-konfront ta' Buttigieg kenitx wahda gustifikata o meno u mhux vice versa!

Madanakollu l-Qorti llum ghandha lill-imputat li huwa akkuzat quddiemha fuq akkuza ta' serq aggravat, kif jirrizulta min-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali[2]. Illi ghalkemm Schembri isostni illi huwa kien cert illi kien l-imputat li serqu, madanakollu huwa ma jarahx jaghmel dana, izda jasal ghal dina l-konkluzjoni fuq supposizzjoni. Kif diga inghad huwa johrog mill-hanut u jhalli l-vazzett tal-flus miftuh u hekk kif jidhol lura ftit minuti wara huwa jara mazz tal-flus f'idejn l-imputat u jikkonkludi

[1] Ara Dokument EB2 a fol.19 et seq. tal-process
[2] Ara fol.150 tal-process

illi dawn il-flus kienu tieghu u minnufih jakkuza lill-imputat b'dana is-serq. Illi fil-kamp penali, kif inhu ben risaput, supposizzjoni ma hijiex bizzejjed ghal sejbien ta' htija. Di piu' il-prosekuzzjoni ma tressaq l-ebda prova ohra jew xhud iehor li jistghu jitfghu dawl fuq dak li verament sehh. Illi jidher illi l-unici zewg persuni ohra li kienu prezenti f'dana l-mument kienu l-lavrant tal-imputat certu Joshua Grech u omm Schembri, il-parti leza illi llum hija mejta u li ghalhekk qatt ma xehdet quddiem il-Qorti. Illi dawn it-tnejn min-nies isostnu illi fl-ebda hin ma jaraw lill-imputat jiehu l-flus mill-vazzett li kien hemm fuq il-bank. Il-lavrant Grech, dejjem kien konsistenti fix-xhieda tieghu u cioe' kemm fil-verzjoni li jaghti lill-pulizija, a tempo vergine, kif ukoll meta xehed fil-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront ta' Schembri, kif ukoll quddiem din il-Qorti. Huwa jghid illi fill-ftit minuti li dam sabiex hatt il-merkanzija li kien ordna Schembri, seta' josserva lil Buttigieg. Jghid illi l-imputat baqa' l-hin kollu jitkellem ma' omm Schembri li f'dak il-hin kienet bil-qieghda ma' mejda fir-restaurant. Jghid ukoll illi huwa ra lill-imputat johrog il-flus mill-but u fl-ebda hin ma jarah jersaq lejn il-vazzett tal-flus li kien hemm fuq il-bank. Illi meta mitkellma mill-pulizija, omm Schembri, Giuseppa, tghid illi ghakemm osservat il-flus f'idejn Buttigieg, madanakollu tghid illi hija ma ratux jiehu dawn il-flus mill-vazzett.[3]

Illi x-xhieda tal-parti leza George Schembri ukoll ma hijiex wahda konsistenti. Dana qed jinghad peress illi meta mitkellem mis-surgent Grima *a tempo vergine* huwa jghid illi fil-vazzett kellu zewg saffi ta' flus - fil-qiegh kellu pakkett ta' mitejn lira u fil-wicc kellu pakkett iehor ta' tlett mija, liema tlett mija huwa sab neqsin[4]. Illi mbaghad meta jaghti x-xhieda tieghu quddiem il-Qorti fil-process kriminali li sar kontrieh, huwa jghid illi fil-vazzett kellu zewg saffi ta' flus, kull wiehed f'pakkett ta' tlett mitt lira.[5] Illi fl-ahharnett meta jixhed quddiem dina l-Qorti fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2008, Schembri jghid "Jiena indunajt li dawn it-tlett mitt lira kienu tieghi peress li filghodu kont gibt tlett

---

[3] Ara xhieda tal-PS1040 John Grima a fol.11, kif ukoll tal-PC1368 Edward Camilleri a fol.40
[4] Ara xhieda ta'l-PS 1040 John Grima a fol.. 11 et seq.
[5] Ara xhieda ta' George Schembri a fol..90 tal-process

ammonti ta’ tlett mija kull wiehed, b’kollox disa mitt lira u hallejthom fil-hanut biex inkun nista’ inhallas bihom. … Izda jiena nghid illi meta vverifikajt innutajt li kelli tlett mitt lira neqsin ghax fil-fatt sibt biss sitt mitt lira.”[6] Dana jikkontrasta ferm mal-ammonti indikati minnu *a tempo vergine*. Fil-fatt is-surgent Grima jghid illi mill-investigazzjonijiet li ghamel dakinhar fuq il-post sab l-ammont ta’ Lm200 fil-vazzett u mhux sitt mija kif qieghed ighid issa l-parti leza.

Illi kif diga gie sottolinjat iktar ’il fuq l-imputat jichad kif dejjem cahad illi kien hu li seraq dawn il-flus. Jibqa’ jsostni illi l-flus li kellu f’idejh u li Schembri beda jallega li kienu tieghu, kienu flus li kien gabar minn ghand il-klijenti f’dik il-ghodwa ta’ konsenji – fatt li gie ivverifikat (ghalkemm ma tingieb l-ebda prova) mis-Supretendent Antonello Grech li sussegwentement jirrilaxxja l-flus elevati minghand l-imputat.

Ghaldaqstant huwa evidenti illi ma hemmx bizzejjed provi, kif rikjest fil-kamp penali ghal xi sejbien ta’ htija fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[6] Ara xhieda ta’ George Schembri a fol.9